MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1161/1994/1

**Joseph Schranz bhala Managing Director ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Vassallo Brothers Limited**
**Vs**
**Accountant General u Direttur tax-Xogholijiet u b' digriet tat-3 ta' Ottubru 1995 Angiolina Attard giet kjamata fil- kawza, u b' digriet tat-13 ta' Novembru 1996 gew kjamati fil-kawza Victor u Karmena Borg u Martin Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Billi fuq inkarigu tal-konvenuti s-Socjeta' attrici ezegwit xoghol ta' "CONSTRUCTION AND FINISHING OF THREE GARAGES AND TWO MAISONETTES AT GHARGHUR", u dan skond "letter of acceptance" datata

20 ta’ Frar, 1992, hawn annessa Dokument “A”, u ghal liema xoghol l-istess konvenuti baqalhom ihallsu lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf erba mija u tnejn u erbghin Lira Maltija u disa’ u sittin centezmu (Lm21, 442.69,0), kif jirrizulta konfermat mill-anness statement markat dokument “B”.

Billi nonostante diversi talbiet ghall-hlas da parte tas-Socjeta’ attrici inkluza talba permezz ta’ ittra ufficjali datata 29 ta’ Marzu, 1994, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsux.

Jghidu l-konvenuti ghalhekk ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandiex din il-Qorti:

1. tikkundannahom ihallsu lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf erba mija u tnejn u erbghin Lira Maltija u disa’ u sittin centezmu (Lm21, 442.69,0), rappresentanti bilanc ta’ prezz ta’ xoghol ta’ “CONSTRUCTION AND FINISHING OF THREE GARAGES AND TWO MAISONETTES AT GHARGHUR”, ezegwit mis-Socjeta’ attrici fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuti skond “letter of acceptance” datata 20 ta’ Frar, 1992, hawn annessa Dokument “A”.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 29 ta’ Marzu, 1994, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ingunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi l-ammont totali pagabbli taht il-“Letter of Acceptance” imsemmija fil-paragrafu numru 1 tad-dikjarazzjoni ta’ l-attur kienet ta’ Lm33,557.31,0 u dan l-ammont thallas kollu lill-attur fi tlett pagamenti.

2. Barra l-ammont imsemmi hawn fuq, kien hemm xoghol iehor addizzjonali li jammonta ghas-somma ta’ Lm1,677.86,5 u dan se jithallas immedjatament f’pagament iehor.

3. Jekk sar xi xoghol iehor kif qed jallega l-attur dan ma sarx b'rikjesta ta' l-esponenti u ghalhekk ma hu dovut l-ebda hlas iehor minghand l-istess esponenti ghal dan ix-xoghol.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Angiolina Attard, kjamata fil-kawza b' digriet tat-3 ta' Ottubru 1995, li biha eccepiet:

1. Illi sija t-talba attrici kif ukoll l-allegazzjoni a bazi ta' liema hija giet kjamata fil-kawza huma it-tnejn infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-istess Angiolina Attard li biha eccepiet:

1. Illi t-talba attrici hija preskritta a termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

2. Illi fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, l-eccipjenti ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

3. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-arrangjament mal-Gvern ta' Malta kien li wara d-demolizzjoni tal-fond taghha huwa jerga' jtellghalha mill-gdid u jikkonsenjalha l-bini fi stat komplut, jigifieri *finished* u lest minn kollox.

4. Illi effettivament il-kostruzzjoni u l-*finishing* kien sorveljat u verifikat minn Periti u rapprezentanti ohra tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, li ta' spiss kienu jigu fuq il-land tax-xoghol u dejjem approvaw ix-xoghol li kien qieghed isir, inkluz il-*finishing*, u qatt ma ressqu l-ebda oggezzjoni. Effettivament l-ewwel darba li l-eccipjenti saret taf li kienet tezisti problema dwar ix-xoghol u dwar il-hlas kien meta rceviet kopja tac-citazzjoni mertu ta' dina l-kawza.

5. Illi d-Direttur tax-Xogholijiet u l-Accountant General ghandhom jipprezentaw elenku dettaljat ta' dawk ix-

xogholijiet li huma qeghdin jghidu li qatt ma kienu awtorizzati minnhom.

6. Illi d-Direttur tax-Xogholijiet u l-Accountant General ghandhom ikoll jippruvaw illi dawna x-xogholijiet ma kenux inkluzi fil-ftehim li kien sar mal-eccipjenti.

7. Illi fi kwalunkwe kaz jekk sar xi xoghol zejjed dana sar fi proprjeta' ta' terzi u mhux f'dak tal-eccipjenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Martin Fenech, kjamat fil-kawza b' digriet tat-13 ta' Novembru 1996, li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament u fl-ewwel lok ma hemm ebda relazzjoni giuridika bejn il-konvenut kjamat in kawza u Martin peress li qatt ma tah xi inkarigu jew ordna xi appall ta' xoghol lill-attur nomine u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fit-tieni lok it-talbiet tal-attur nomine ghandhom jigu michuda in toto stante illi ma hemm assolutament ebda indikazzjoni ta' dati, hin u lok tal-atti allegati fil-konfront tal-konvenut kjamat in kawza Martin Fenech u ghalhekk ma hemmx l-indikazzjonijiet mehtiega mill-ligi f'dan l-att gudizzjarju u ghalhekk it-talbiet huma nulla u bla effett fil-ligi.

3. Illi fit-tielet lok u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol li sar mill-attur nomine f'proprjeta l-Gharghur sar a karigu tad-Direttur tax-Xogholijiet bhala kumpens ta' proprjeta' lill-konvenut kjamat in kawza Martin Fenech billi di giet mehuda mill-Gvern in konnessjoni ma ftuh ta' triq fil-Gharghur.

4. Illi l-konvenut kjamat in kawza Martin Fenech la qatt ma kellu kuntratt ma l-attur nomine, la qabel, la waqt u lanqas wara x-xogholijiet u qatt ma kien prezenti waqt li saru x-xogholijiet mid-Direttur tax-Xogholijiet.

5. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Victor u Karmena Borg, kjamati fil-kawza b’ digriet tat-13 ta’ Novembru 1996, li biha eccepew:

1. Illi preliminarjament u fl-ewwel lok ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-konvenuti kjamati in kawza Victor u Karmena Borg peress li qatt ma tawh xi inkarigu jew ordnaw xi appall ta’ xoghol minn ghand l-attur nomine u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fit-tieni lok it-talbiet tal-attur nomine ghandhom jigu michuda in toto stante illi ma hemm assolutament ebda indikazzjoni ta’ dati, hin u lok tal-atti allegati fil-konfront tal-konvenuti kjamat in kawza Victor u Karmena Borg u ghalhekk ma hemmx l-indikazzjonijiet mehtiega mill-Ligi f’dan l-att gudizzjarju u ghalhekk it-talbiet huma nulla u bla effett fil-Ligi;

3. Illi fit-tielet lok u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol li sar mill-attur nomine f’propjeta l-Gharghur sar a karigu tad-Direttur tax-Xogholijiet bhala kumpens ta’ propjeta lill-konvenuti kjamati in kawza Victor u Karmena Borg billi din giet mehuda mill-Gvern ta’ Malta in konnessjoni ma ftuh ta’ Triq fil-Gharghur;

4. Illi l-konvenuti kjamati in kawza Victor u Karmena Borg la qatt ma kellhom kuntratt mal-attur nomine, la qabel, la waqt u lanqas wara x-xogholijiet u rari kienu prezenti waqt li saru x-xogholijiet imsemmija fic-citazzjoni odjerna;

5. Illi t-talbiet tal-attrici noe huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur nomine.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhied

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi dan il-process isib il-genesi tieghu fi progett ta’ ftuh ta’ triq fil-Gharghur, li kien jinvolvi twaqqiegh ta’ proprjeta’ privata sabiex tigi rikostruwita band’ ohra. Fost din il-proprjeta’ kien hemm zewg maisonettes u tlett garages appartenenti lill-kjamata fil-kawza Angiolina Attard.

Illi rizultat ta’ diskussjonijiet li dina kellha mal-Ministeru ghall-Izvilupp, dak iz-zmien l-Onorevoli Michael Falzon, kien intlahaq ftehim li l-proprjeta’ ta’ Angiolina Attard titwaqqa’ u tigi rikostruwita a spejjez tal-Gvern binja simili band’ ohra. Godwin Friggieri, l-allura l-assistant personali tal-imsemmi Ministru, spjega li “Il-ftehim kien li d-dar johduha lesta u abitabbli kif kienet”.[1]

Illi x-xoghol ta’ din ir-rikostruzzjoni inghata, permezz ta’ direct order, lis-socjeta’ attrici fit-termini tal-Letter of Acceptance datata 20 ta’ Frar 1992, u fuq l-annessa pjanta nhareg bill of quantities mahdum fuq rati stabbiliti u miftehma li kellhom jithallsu ghax-xoghol li kellu jsir, u li kien iwassal ghal-stima komplessiva ta’ Lm33,557.31.

Illi pero’ nonostante dan il-ftehim ix-xoghol ma sarx skond il-pjanta originali, izda skond pjanta maghmula mill-Perit Carm Lino Spiteri li fi kliemu stess kien intalab mill-imsemmi Ministru sabiex “naghmel proposti tal-pjanti flok dak [binja] li kienu se jaqghu. Accettajt…. Meta tajt il-pjanta lill-Ministru, mieghu ddiskutejt xi tibdil fid-disinn ta’ xi kmamar, pero il-pjanta finali mhux jien ghamiltha.”[2] In propositu ghal pjanta li fuqha sar ix-xoghol, l-attur jghid: “Min qabbdu lil Perit Spiteri ma nafx. Li naf hu li lili gabhieli Albert Borg, li jahdem mal-Perit Spiteri. Ahna x-xoghol ghamilnih fuq il-pjanta ta’ Spiteri.”[3] Ghalkemm il-Ministru qal li l-Perit Spiteri kien gie nkarigat minn Angiolina Attard, huwa jaccetta li “Naf li l-fond inbena fuq

[1] Fol.182
[2] Dep. Carm L. Spiteri – 18.05.2000
[3] Fol.201

il-pjanta tal-Perit Spiteri, u dan <u>kont nafu anke dak iz-zmien</u>."[4]

Illi rrizulta li l-area li kien hemm fuq din il-pjanta kienet hafna akbar minn dik li kienet tidher fuq il-pjanta originali, mahruga mill-periti tal-Gvern. Dan il-fatt jinsab sostnut mill-attur u minn Nazzareno Vassallo[5], Chairman tas-socjeta' attrici, u rikonoxxut mill-Perit Vincent Cassar[6] meta dana attribwixxa d-diskrepanza fil-prezz komplessiv tax-xoghol, inter alia, ghal estensjoni fil-bini. Fi kliemu: "Id-diskrepanzi huma tista' tghid kwazi kollha rizultat ta' estensjoni fil-bini. Hemm pero' affarijiet extra".[7]

Illi mill-provi rrizulta ampjament li kien hemm pressjoni qawwija minn naha tal-Gvern, u senjatament minn naha tal-Ministeru, sabiex ma jkunx hemm dewmien fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet, u li dawn kellhom jitlestew mill-aktar fis. Dan jinsab sostnut kemm mill-attur kif ukoll mill-imsemmi Nazzareno Vassallo, u konfermat mill-imsemmi Godwin Friggieri li jghid "Il-Ministeru ried li x-xoghol isir mill-aktar fis possibbli".[8] Di fatti x-xoghol beda f' Mejju tas-sena 1992 u spicca f' Novembru tal-istess sena.

Illi rizultat tal-estensjoni akbar ta' art mibnija, u ta' xogholijiet addizzjonali, il-valur globali tax-xoghol li fil-fatt sar kien jissupera l-ammont previst. Fil-fatt, filwaqt li, skond l-istima inizjali maghmula fuq il-pjanti originali l-prezz tax-xoghol kellu jlahhaq ghal Lm33,557.31, il-valur tax-xoghol kollu li sar kien ilahhaq ghas-somma ta' Lm49,038.49. Dan jinsab konfermat minn Ray Pelicano, Senior Quantity Surveyor mad-dipartiment tax-xogholijiet li jikkonferma li dan l-ahhar ammont huwa "accettabbli mid-Dipartiment bhala l-valur tax-xoghol li sar".[9]

Illi, ghalkemm il-konvenuti jaccettaw li jhallsu l-ammont ta' Lm1,677.86,5 ulterjuri ghas-somma ta' Lm33,557.31, ghax-xoghol addizzjonali, in kwantu dan l-ammont

[4] Fol.189
[5] Fol.179
[6] Fol.158
[7] Fol.158
[8] *Ibid.*
[9] Fol.141

jirrapprezenta varjazzjoni ta’ 5% mill-istima originali, izda qed jikkontestaw l-kumplament tas-somma ta’ Lm49,038.49 u qed jikkontendu li l-bilanc jirrapprezenta prezz ta’ xoghol li ma kienx inkluz fl-appalt originali u li ma sarx fuq inkarigu taghhom.

Inoltre, mill-imsemmi ammont ta’ Lm49,038.49 gie eskluz l-ammont ta’ Lm3,645.20 rapprezentanti valur ta’ ceramika, sanitary ware u xoghol relattiv maghmlu mill-attur, izda li kien kontestat fuq il-bazi li dawn ma kienux inkluzi fil-ftehim, u li skond il-konvenuti kienu saru fuq talba unilaterali tal-imsemmija Angiolina Attard. Minn naha taghha dina ssostni li l-ftehim li kellha kien li “Il-Gvern kellu jlestili zewg postijiet lesti minn kollox, inkluz il-kamra tal-banju, kemm naqbad u nidhlu fihom.”[10] L-attur jghid: “Il-fittings li saru saru kollha fuq insistenza tal-Gvern …. [izda dan] mhux qed jirrikonoxxi illi fuq instructions taghhom sar hafna xoghol addizzjonali.”[11] L-attur jghid ukoll li fuq il-post kienu jigu l-periti tal-Gvern kuljum u hadd ma ilmenta. “Tal-Gvern meta kont incemplilhom kienu jghiduli biex inkompli bix-xoghol, l-aqwa li jitlesta”. [12]

Illi fix-xhieda tieghu Nazzareno Vassallo spjega li “meta bdejna nindunaw li l-volum tax-xoghol kien ser jaqbez dak indikat fit-tender, infurmajt lill-awtoritajiet u dawn dejjem tawni l-intendere li dak li kellu jsir isir…… Huma qaluli sabiex inkompli bix-xoghol u tawni x’ nifhem li ser nithallas…. Nghid li c-certifikati [certificate of works][13] ta’ darba fix-xahar baqghu jinhargu regolarment, u dawn kienu jirriflettu l-valur u l-volum tax-xoghol li kien isir. F’ ebda hin ma waqfuna mix-xoghol; anzi, meta intimajna li konna ser nieqfu ghax ix-xoghol gia qabez it-tendered price kellna hafna pressure mill-Ministeru biex inkomplu”.[14]

Dan jinsab konfermat mill-imsemmi Godwin Friggieri li jghid: “Xi hadd mid-ditta attrici kien kellimni dwar li kienu

[10] Fol.145
[11] Fol.139
[12] Fol.202
[13] Doks.NV1 – NV7
[14] Fol.175

qabzu l-kuntratt. Ir-risposta tieghi kienet tkun li qed jittakiljawha fid-dipartiment biex naraw kif ser nikkoverjaw l-affarijiet. Probabbilment jiena kont ippressajt biex ix-xoghol jitkompla halli l-progett jimmaterjalizza." U fuq kontro ezami kompla jghid: "Kien hemm xi haga to the effect biex inkomplu bix-xoghol avolja issuperaw il-budget ….. Jidhirli li kien hemm xi zmien li l-kuntrattur waqaf mix-xoghol minhabba l-problemi tal-finanzi; wara waqfa qasira ix-xoghol tkompla. Ir-role tieghi kien li x-xoghol jimxi u jsir, u li jkun hemm garr mill-anqas kontra l-politici"[15]

Ix-xhud qal li x-xoghol kien ikun issorveljat mill-perit tad-Dipartiment. In propositu Raymond Pelicano jghid: "Waqt li x-xoghol kien ghaddej rapprezentanti mid-Dipartiment tieghu kienu jmorru ta' spiss on site biex ikejlu u jaraw x' inhu jsir. Ovvjament kif tidhol l-informazzjoni, wiehed jinduna li ma kienx qed isir xoghol skond il-pjanta originali."

Irrizulta pero' li nonostante l-assikurazzjoni moghtija minn Godwin Friggieri lil Nazzareno Vassallo, il-Ministeru tal-Finanzi ma approvax id-differenza fil-prezz, u b' hekk skalat il-problema li waslet ghal proceduri odjerni.

Nazzareno Vella jghid: "Waqt li kien ghaddej ix-xoghol hadd minn naha tal-Gvern qatt ma qalli xejn fuq ix-xoghol li kien qed isir u ma rcevejt ebda korrispondenza f' dan is-sens, nonostante wkoll li kienu jinbghatu kull xahar lid-dipartiment kopja tas-certificate of works. Vassallo spjega li jaf li biex jitkompla x-xoghol "beyond the contract price" kellu jitlob awtorizzazzjoni bil-miktub, "fil-prattika din qatt ma tigri u ma ssirx lanqas minn kuntratturi ohra ghax inkella jkun hemm hafna dewmien ….. Jiena ma ghaddilix minn rasi li la ma kienx hemm miktub ma kontx ser nithallas, ghax fil-prattika dejjem hekk sar u thallast".

Il-Perit Vincent Cassar ikkonferma li "Mill-file ma jirrizultax li qatt xi hadd gibed l-attenzjoni lill-kuntratur ghax-xoghol extra li kien qed isir. Il-kuntrattur kien jibghat interim valuation certificates waqt li kien qed isir ix-xgohol, u qatt

[15] *Ibid.*

ma ntbaghtulu rimarki fuq dawk il-valuations. Sa fejn naf jien, il-Perit Crockford kien jissorvelja x-xoghol fuq bazi regolari." Ikkonferma wkoll li "Il-kuntrattur suppost jinforma lid-dipartiment jekk ix-xoghol ikun ser jeccedi l-bill of quantities pero din fil-prattika rari ssir."[16]

Ix-xhud qal li: "Perit diligenti u tal-affari tieghu kellu jinduna li kien qed isir xoghol extra. Fil-file ma sibt ebda minuta tal-Perit Crockford li kien innota li qed isir xoghol extra."[17]

Rigward il-fattur tar-responsabbilita' ghas-supervizjoni tax-xoghol minn naha tal-Gvern, il-Perit Vincent Cassar jsostni li l-perit responsabbli ghal-progett in dizamina minn naha tad-Dipartiment kien il-Perit Herbert Crockford. "Nerga' nghid li d-direzzjoni tal-progett kienet f' idejn il-Perit Crockford." Minn naha tieghu, il-Perit Crockford spjega li, fiz-zmien li kien twaqqa' l-bini, huwa kellu l-kariga ta' Deputy Director, izda sakemm lahqet bdiet il-kostruzzjoni tal-bini, kienet saret ri-organizzazzjoni fid-Dipartiment, bir-rizultat li l-Perit Vincent Cassar sar Direttur tax-xogholijiet u hu baqa' fil-kariga ta' Deputy Director izda, skond hu, li ma kellux doveri assnjati lilu. Huwa jsostni li hu ma baqax inkarikat mill-progett; izda, ghalkemm ma kienx responsabbli biex jissorvelja x-xoghol, "pero kont immur on site ghax ma kellhix x' naghmel l-ufficju …. Ma kontx naghmel inspections formali, izda kont indur is-sites kif jidhirli biex naghmel xi haga."[18]

Illi, ghalkemm il-parti l-kbira tad-diskrepanza tax-xoghol u l-prezz konsegwenzjali hija dovuta ghall-estensjoni akbar ta' bini kif jirrizulta mill-pjanta tal-Perit Spiteri, hemm xoghol addizzjonali li l-approvazzjoni tieghu minn naha tal-Gvern qed tigi kontestata. Il-Perit Vincent Cassar jindika in propositu l-bibien tal-kewkba, l-insect screens tal-aluminium, is-security bars, tinted glass, il-passta water paint mal-hitan u l-bedding tal-irham tat-tarag; u dan oltre c-ceramica u sanitary wares fuq indikati.

---

[16] Fol.157 - 159
[17] Ibid.
[18] Fol.162

Minn naha tieghu l-attur sostna li l-bibien tal-kewkba, l-insect screens tal-aluminium [tal-valur ta Lm170] u s-security bars kellhom isiru fuq ordni tad-Dipartiment. Inoltre, kkonferma li s-security bars fil-fatt ma twahhlux u t-tinted glass kien necessarju minhabba li t-twieqi kienu tal-aluminium. Barra minn hekk ikkonferma dak li sostniet Angiolina Attard li l-bibien tal-kewkba saru ta’ kwalita’ superjuri u d-differenza kienet hallsitha l-istess Attard. Angiolina Attard fix-xhieda taghha qalet li certu xoghol ghamlitu hi, fejn waqaf il-Gvern kompliet hi; u indikat il-faccata li ghamlet fuq il-fil, kompliet l-art tal-basement li thalliet bir-ramel mal-art, tat l-ahhar passata tibjid u ghamlet erba bibien ta’ kwalita’ superjuri u ghamlet tajjeb hi ghad-differenza.

Mill-premess jirrizulta li, apparti mill-fatt li x-xoghol indikat mill-Perit Vincent Cassar ma kienx jammonta ghal sommom kbar, di piu’ parti minn dak ix-xoghol ma kienx fil-fatt sar, u parti ohra minnu sar minn Angiolina Attard a spejjez taghha.

Illi mix-xhieda tal-Quantity Surveyor Raymond Pelicano, jirrizulta li, skond il-Gvern, il-valur tax-xoghol li attwalment sar jammonta ghal Lm49,038.49. Minn nota tal-osservazzjonijiet tal-attur jidher li dan l-ammont qed jigi accettat miz-zewg nahat in kwantu jirrapprezenta <u>l-valur tax-xoghol esegwit</u>[19]. Hemm pero’ kontestazzjoni fuq l-ammont ta’ Lm3,654.20 prezz ta’ ceramika, sanitary wares u xoghol relattiv li, ghalkemm jirrizulta provat li fil-fatt sar[20], il-konvenuti qed jikkontestaw din il-pretensjoni. Ghalhekk l-imsemmi Ray Pellicano kien inghata struzzjonijiet mill-konvenuti biex ma jinkludihx fil-kont finali, stante li skond huma dan ix-xoghol sar minghajr inkarigu minn naha tal-Gvern. In propositu, l-istess Ray Pellicano jghid hekk: “Kelli struzzjonijiet minghand id-Direttur Generali biex <u>ma ninkludihomx fil-final account ghax ma kienux inghataw bhala instructions mid-Dipartiment</u>. Ma rrizultalix minn min inghataw dawn l-istruzzjonijiet biex saru dawn ix-xogholijiet.”[21]

[19] Nota osservazzjonijiet attur – Fol.99 para.2
[20] Fol.141
[21] Fol.142

Illi rigward din is-somma ta’ Lm3,645 kontestata mill-konvenuti, il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-attur jsostni li huwa kellu l-approvazzjoni minn naha tal-Gvern sabiex isiru dawn ix-xogholijiet wara insistenza minn Angiolina Attard, mill-provi ma jirrizultax sodisfacentement li huwa kellu tali approvazzjoni. Inoltre, dan ix-xoghol ma kienx kopert mill-kuntratt originali, anzi kien gie espressament eskluz. Di fatti fil-bill of quantities esebit mill-Perit Vincent Cassar, hemm espressament indikat that l-item “Plumbing Works” – The supply and fixing of sanitary wares and fittings is NOT [sic] included in such rates”.[22] Ghalhekk il-konvenuti ma ghandhomx jigu meqjusa responsabbli ghal-hlas tal-prezz ta’ din il-parti tax-xoghol li sar mill-attur fuq insistenza, u fuq inkarigu biss tal-kjamata fil-kawza, Angiolina Attard, ghal liema rapport l-konvenuti huma estranei.

Jigi osservat li l-fatt li Angiolina Attard kienet tmur kuljum fuq il-post biex tissorvelja x-xoghol, u anke tkellem ufficjali tal-Ministeru jew tad-Dipartiment, dwar ix-xogholijiet li kienu qed isiru, u anke tinsisti maghhom dwar certu aspetti tax-xoghol, ma ghandux jimmilita kontra taghha. Ghax wara kollox hija kellha kull dritt li tassikura li jigi attwat dak kollu li kien ftiehem maghha l-Gvern meta esproprijalha l-art u waqqa’ l-fondi taghha, u ppromettielha in linea ta’ kumpens li jibnilha bhal li kellha qabel, ovvjament gdid. Minn naha l-ohra, pero’ il-ftehim li kellha mal-Gvern u senjatament mal-Ministru, ma kienx jaghtiha passaport sabiex tordna lill-attur jaghmel dawk ix-xogholijiet li hi deherilha li kienu koperti bil-ftehim li kellha, minghajr ma tassigura l-approvazzjoni minn naha tal-Gvern; liema approvazzjoni kellha tirrizulta cara lill-attur kuntrattur qabel ma dan accetta li jaghmel dan ix-xoghol li kien espressament eskluz fil-kuntratt originali. Il-fatt li dan ma sarx, jew ma gietx sodisfacentement provat li sar, jirrendi lill-Angiolina Attard responsabbli ghal prezz ta’ dan ix-xoghol ammontanti ghas-somma ta’ Lm3,654.20 fuq indikata.

[22] Dok.VC – pg.11

Illi jidher pero' li l-vertenza principali f' dan il-kaz tirrisjedi fuq il-punt jekk l-attur kellux dritt jesegwixxi x-xogholijiet fuq il-pjanta maghmula mill-Perit Carmelina Spiteri, u mhux fuq dik annessa mal-Letter of Acceptance.

Jigi osservat in tema legali, li ghalkemm huwa minnu li kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom [Art.992] u jorbtu lill-istess fit-termini taghhom, kif ukoll li l-kuntratti ghandhom jigu esegiwiti bil-bona fede.[Art.993], pero' huwa minnu wkoll li dawn jistghu jigu varjati, modifikati u addirittura revokati fi ftehim sussegwenti, purche' tkun giet osservata l-forma preskritta, fejn ikun il-kaz. Dak li huwa essenzjali huwa l-idem placitum consensus ghal dan it-tibdil, liema fusjoni ta' kunsens tohloq vinkolu legali gdid. Ir-relevanza qawwija ta' dawn il-principji fil-kaz odjern, timmanifesta ruhha fil-fatt li, ghalkemm kien sar ftehim ta' Appalt bejn il-Gvern u l-attur, jidher li waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet sar tibdil fih li wassal ghal differenza sostanzjali fil-prezz finali minn dak prospettat. Ghalhekk dak li jrid jigi deciz f' danil-kaz huwa jekk il-varjazzjonijiet mill-kuntratt originali kienux saru bil-kunsens taz-zewg nahat.

In propositu jirrizulta nkontestat li l-attur accetta li jesegwixxi x-xogholijiet fuq il-pjanta tal-Perit Spiteri. Huwa jghid li persuna mill-ufficju tal-Perit Spiteri gablu din il-pjanta u mexa fuqha. Minn naha tal-Gvern ma kien ebda ilment u wsiq anqas opposizzjoni, u nonostante li l-periti tal-Gvern kienu jmorru on site kuljum, u nonostante li kienu johorgu kull xahar certificate of works, hadd qatt ma rrimarkalu li kien qed isir xoghol mhux skond il-pjanta originali <u>nonostante li kien qed jrrizulta car li x-xoghol kien qed isir fuq pjanta differenti</u>. Ray Pelicano jikkonferma li rapprezentanti tad-dipartiment tieghu kienu jmorru spiss on site biex jkejlu u jarau x' inhu jsir u "Ovvjament kif tidhol l-informazzjoni, wiehed jinduna li ma kienx qed isir xoghol skond il-pjanta originali". Anke l-istess Ministru kien jaf dak iz-zmien li x-xoghol kien qed jigi esegwit fuq il-pjanta tal-Perit Spiteri. Izda cio' nonostante hadd ma ilmenta mal-attur, anzi saret pressjoni fuqu minn naha tal-Gvern sabiex ix-xoghol ma jieqafx u jitkompla. Minn dan tirrizulta flokha u legalment korretta l-konkluzjoni li b' dan

l-agir minn naha tal-awtoritajiet governattivi koncernati, l-Gvern kien ta l-kunsens tieghu sabiex ix-xoghol ma jsrix skond il-kuntratt originali izda skond il-pjanta tal-Perit Spiteri; qui tacet cum locui potuit et debuit consentire videtur. F' dan il-kaz, mhux biss hadd ma rrimarka xejn lill-attur ghal dan, izda saret fuqu pressjoni qawwija minn naha tal-Gvern sabiex huwa jkompli bix-xoghol. Jekk minhabba dizgwid fid-Dipartiment kien hemm nuqqas ta' ko ordinament bejn il-persuni responsabbli ghas-supervizjoni tax-xogholijiet, din hi materja li ghaliha l-attur huwa estranew u ma ghandha tippregudikah bl-ebda mod.

Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in buona fede, u gjaladarba n-naha tal-Gvern kienu jidhru kuntenti bix-xogholijiet li kienu qed isiru, allura l-attur kellu l-obbligu li jikompli bl-esekuzzjoni tal-appalt lilu moghti. In propositu ghandha relevanza qawwija x-xhieda ta' l-imsemmi Godwin Friggieri fejn jaccetta li hu, fil-kwalita' tieghu ta' assistenti personali tal-Ministru, kien ppressa lill-attur biex ikompli bix-xoghol, anke meta c-chairman tad-ditta attrici, Nazzareno Vassallo, kien gibidlu l-attenzjoni li kien inqabez l-contract value originali. Friggieri kien qallu biex ikompli bix-xoghol u li din il-problema kienu "qed nittekiljawha fid-dipartiment biex naraw kif ser nikkaverjaw l-affarijiet". L-istess xhud kompla jghid li kien hemm zmien meta l-attur waqaf mix-xoghol minhabba l-problemi tal-finanzi, izda kien ghamel pressjoni biex ix-xoghol jitkompla. Stqarr pero' li huwa ma kienx jezamina l-interim certificates li kien jibghat l-attur.

Dan premess u kunsidrat wiehed isibha ferm difficli jaccetta t-tesi tal-konvenuti li huma kienu obbligati biss jhallsu sal-contract value originali, b' zieda ta' 5% accettata mid-Dipartiment. Il-provi juru li l-Gvern kien konsapevoli tax-xoghol li kien qed isir, kien kuntent b' dak li kien qed isir, u ried li dak ix-xoghol jibqa' ghaddej, anzi ezercita pressjoni fuq l-attur sabiex dana, nonostante l-avvertiment tieghu li l-contract value originali kien qed jigi superat, xorta wahda jiffinalizza x-xogholijiet.

Ghandu jirrizulta car li, salv ghax-xogholijiet ta' ceramica u sanitary wares kif fuq spjegat, dan kollu, relattivament

ghar-rapport guridiku bejn l-attur u l-konvenuti, ghal Angiolina Attard huwa res inter alios acta. Hija ma tat ebda inkariku lill-attur sabiex ix-xoghol isir fuq il-pjanta tal-Perit Spiteri. Il-kuntratt ta' appalt ut sic kien bejn l-attur u l-Gvern, u ghalhekk f' dan ir-rigward ma jesisti ebda rapport guridiku bejnha u bejn l-attur li jrrendiha b' xi mod responsabbli f' dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, salv ghall-ammont ta' Lm3654.20 indikat li huwa dovut lill-attur mill-kjamata in kawza Angiolina Attard, il-kumplament tal-prezz tax-xogholijet ammontanti ghal Lm49,038.49 huma dovuta mill-konvenut. Peress li minn dan l-ammont, il-konvenut gja hallas is-somma ta' Lm33,557.31 jigi li s-somma bilancjali li fadallu jhallas il-konvenut hija ta' Lm15,481.18.

Illi rigward l-ammont ta' Lm3,654.20 dovuti minn Angiolina Attard bhala appalt specifiku moghti minnha lill-attur fuq ceramica u sanitary works, jigi rilevat li l-ewwel eccezzjoni sollevata minnha hija fis-sens li l-azzjoni hija preskritta bid-dekorriment tal-perijodu ta' sentejn fit-termini ta' l-Artikolu 2149[a] tal-Kap.16. Jigi osservat li mill-provi jirrizulta li x-xogholijiet tlestew f' Novembru 1992 u sa Novembru 1994 ma rrizultax li gie prezentat xi att gudizzjarju interruttiv tal-perijodu preskrittiv. Ir-rikors ghal kjamata fil-kawza ta' Angiolina Attard gie prezentat fit-18 ta' Settembru 1995, gie milqugh fit-3 ta' Ottubru 1995, u notifikat lilha fid-29 ta' Frar 1996. Minn dan ghandu jirrizulta manifest li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamata fil-kawza hija sostnuta fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement l-azzjoni fil-konfront ta' Angiolina Attard hija estinta.

Illi rigward il-kjamati in kawza l-ohra, u cioe' Victor u Karmena Borg u Martin Fenech ma jirrizultax li dawn kienu involuti fil-kwistjoni li tat lok ghal dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi fil-konfront tal-konvenuti tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' hmistax il-elf erba mija wiehed u tmenin lira maltin u tmientax il-centemzu [Lm15,481.18], u tikkunnahom jhallsu lis-

socjeta' attrici din is-somma ta' Lm15,481.18 bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal erba partijiet minn hamsa [4/5] mill-konvenuti, u r-rimanenti kwint [1/5] jibqa' a kariku tal-attur.

Tillibera lill-kjamati fil-kawza Victor u Karmena Borg u Martin Fenech mill-osservanza tal-gudizzju; u tiddikjara l-azzjoni estinta fil-konfront tal-kjamata fil-kawza Angiolina Attard. L-ispejjez relattivi ghal dawn il-konvenuti jibqghu a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------